## 7 ta' Ottubru, 1955

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Antonio Aquilina *versus* Nicola Camar**

### Bejgħ ta' Motor-Car — Skrittura — Art. 57 u 60 tal-Ordinanza VII tal-1918 — Att XVIII tal-1951

***Fl-istat attwali tal-Liġi tal-Boll, jiġifieri kif emendata bl-att XVIII ta' l-1951, fin-nuqqas ta' skrittura f'każ ta' trasferiment jew twellija ta' motor-car kif definit fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, dak it-trasferiment jew twellija ma jkunx jiswa bħala titolu ta' azzjoni f'kawża.***

***Għaldaqstant, meta l-kawżali tad-domanda hu l-ftehim li sar fil-bejgħ ta' karrozza mingħajr il-formalità ta' l-iskrittura, it-titolu ta' l-azzjoni hu dak il-bejgħ, li ma jistax iservi bħala titolu ta' l-azzjoni; u kwindi din hija inammissibbli.***

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta, illi l-konvenut xtara minn għandu van numru 10568 bil-prezz ta' £365, bil-patt illi, malli jbiegħ l-istess, il-qligħ li jagħmel jinqasam bejnu u bejn l-attur; u l-konvenut biegħ l-istess van bil-prezz ta' £470, u għalhekk għamel qligħ ta' £105 — nofs liema somma, kwindi, tappartjeni lill-attur skond il-ftehim fuq imsemmi; u li l-konvenut, għalkemm mitlub ripetutament, irrifjuta jħallas; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £52 *10s. 0d.*, *nofs* il-qligħ magħmul mill-istess konvenut mill-

bejgħ tal-van fuq riferit, skond il-ftehim fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-l ta' Ġunju 1954, u bl-interessi kummerċjali minn din id-data;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 57 u 60 ta' l-Ordinanza numru VII tal-1918, kif emendata bl-Att numru XVIII tal-1951, fin-nuqqas tal-formalità ta' l-iskrittura, f'każ ta' trasferiment jew twellija ta' "motor car" kif definit fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku" (Kap. 105); dak it-trasferiment jew twellija ma jkunx jiswa bħala titolu ta' azzjoni fil-kawża;

Illi l-kawżali tad-domanda hi l-ftehim li sar fil-bejgħ tal-karrozza fuq riferita, u kwindi t-titolu tal-azzjoni hu dak il-bejgħ, li però ma sarx bil-formalità rikjesta mill-liġi fuq indikata; u kwindi dak il-bejgħ, skond l-istess liġi, li bħala liġi fiskali għandha tiġi nterpretata letteralment, ma jistax iservi bħala titolu tal-azzjoni, li għalhekk hija inammissibbli;

**Għaldaqstant;**

**Tilqa' l-eċċezzjoni u tirrespinġi t-talba; bl-ispejjeż.**